MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 1861/2003

**Middle Sea Insurance Plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Emmanuel Attard abbasi tal-polza tal-assigurazzjoni u tal-Ligi u l-istess Emanuel Attard**

**Vs**

**Priscilla Seisun**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi li kien gie prezentat fit-23 ta Settembru 2003 fejn l-atturi talbu li jithallsu mill-konvenuta s-somma ta erba mija u tmenin lira tletin centezmu (Lm480.30) rapprezentanti valur ta danni kkagunati f'incident stradali li sehh fl-14 ta Lulju 2002 fil-Gzira bejn il-vetturi numri TFC529 u CBE 036 ghal liema incident il-konvenuta kienet unikament responsabbli.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta l-ittra legali datata 7 ta Novembru 2002 u tal-ittra ufficcjali prezentata kontestwalment ma dan l-avviz kontra s-socjeta assikuratrici tal-konvenuta u bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta dan l-avviz kontra l-konvenuta ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta datata 18 ta Novembru 2003 fejn ikkontestat ir-responsabbilita tal-incident in kwistjoni stante li kien Vincent Vella li kien qed isuq il-vettura tal-attur li ghandu jigi meqjus unikament responsabbli ghall-istess akkadut.

Ra l-provi mressqa inkluz id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidra;

Illi skond il-verzjonijiet tas-sewwieqa riprodotti fir-rapport Dok KA1 u skizz Dok KA2 irrizulta li l-incident sehh fil-vicinanzi ta Manoel Island. Is-sewwieq tal-vettura tal-attur ighid li kif kien qed javvicina Manoel Island gej mid-direzzjoni ta tas-Sliema u wasal fejn vettura li kienet double parked giet taqbzu l-konvenuta minn warajh u haditlu l-gemb tieghu. Il-konvenuta minn-naha l-ohra tallega li hekk kif giet biex taqla wara li waqfitilha l-karozza kien hemm vettura li ceditilha pero kif kienet qed taghmel il-manuvra il-vettura TFC 529 dahlet go fiha. Dawn il-verzjonijiet gew konfermati mis-surgent in kwistjoni PS 245 Keith Arnaud. Jikkonferma wkoll li l-parti tat-trieq fejn sehh l-incident tidjieq. In riezami l-istess surgent ighid li f'ebda mument ma kienet qaltlu l-konvenuta "li kienet waqfet u li imbaghad kienet ceditilha vettura ohra sabiex taqla".

Vincent Vella jispjega li huwa kien gej mid-direzzjoni tas-Sliema lejn il-Gzira u kif wasal ftit qabel id-dahla ghal Manoel Island kien hemm Kiosk fil-gemb b'van transit ipparkeggjat ma gembu oltre ghal-fatt li aktar lejn tas-Sliema kien hemm vetturi double parked. Kienet gurnata ta festa. Hu u jsuq fil-karreggjata tieghu hass lill-konvenuta, li sa dak il-hin kien ghadu ma rahiex, tkaxkar il-gemb kollu tieghu tan-naha tax-xellug. Skond dan Vella,

wara l-incident il-konvenuta kienet ammettiet mieghu t-tort taghha dwar l-akkadut. In kontro-ezami Vella jinsisti li qabel l-incident huwa ma rahiex lill-konvenuta – anqas li raha wieqfa fit-trieq.

Il-konvenuta tghid li l-vettura taghha waqfitilha fejn Manoel Island hi u sejra fid-direzzjoni tal-Gzira. Peress li waqfet ftit angolata ‘il barra, l-vettura li giet minn warajha kaxkar il-gemb tieghu mal-ponta ta’ quddiem tal-lemin tal-vettura taghha waqt li kienet qieghdha tissorpassha. Hija tichad li kienet ammettiet xi tort pero’ kien Vella li beda jinsisti li jgib il-pulizija u dana peress li l-vettura ma kinietx tieghu.

Fis-seduta tad-9 ta Frar 2005 gie verbalizzat mill-konvenuta li ma kienitx qieghdha tikkontesta l-valur tad-danni.

Illi fil-kaz in ezami huwa mportanti li jigi stabbilit kif sehh realment l-incident in kwistjoni peress illi mix-xhieda moghtija u mir-rapport tal-pulizija ma hux car min kien fuq quddiem u min kien li ghamel il-manuvra ta sorpass.

Skond ir-rapport tal-pulizija Vincent Vella gie rapportat ighid hekk:-
“kien hemm vann ipparkjat mal-gemb tat-trieq (Double parking). Il-vettura numru CBE036 harget minn warajh *(third person)* u laqtitli l-gemb kollu”. Huwa ghalhekk qed jaghti x’jifhem li l-konvenuta harget minn wara dan il-vann li rah ipparkeggjat ‘il barra quddiemu. Fix-xhieda tieghu huwa jikkonferma li qatt ma raha wieqfa l-vettura tal-konvenuta u hass biss it-tkaxkira - kwindi huwa kkonkluda li hija hargitlu minn wara dawn il-vetturi double parked u mhux kif donnha giet interpretata mis-surgent tal-pulizija li l-konvenuta habtet fih meta pprovat taqbzu.

Skond ir-rapport il-konvenuta tghid semplicement li l-vettura taghha waqfitilha f’nofs ta trieq u ftit wara l-vettura l-ohra dahlet go fiha. Fix-xhieda taghha izzid tghid li hija waqfet ftit angolata. Taghti x’tifhem fiz-zewg okkazjonijiet li tat il-verzjoni taghha li l-vettura l-ohra dahlet go fiha meta hija kienet wieqfa. It-Tribunal ma jafx minn fejn is-

surgent gab il-verzjoni tal-konvenuta li l-impatt sehh hekk kif hi giet biex taqla wara li ceditielha vettura ohra.

Illi li huwa cert pero li bhala postazzjoni tal-vetturi nvoluti jirrizulta li l-konvenuta kienet fuq quddiem u Vella kien gej minn warajha. Il-kwistjoni kollha tibqa jekk Vella dahal gol-konvenuta hu u jaqbizha peress li ma ndunax li hija kienet waqfet jew kinietx il-konvenuta li laqtet lil Vella meta marret biex taqla wara li waqfitilha l-vettura. Il-hsarat li rrizultaw fuq iz-zewg vetturi ma jitfghu ebda dawl ulterjuri fuq liema verzjoni tista tigi meqjusa l-aktar kredibbli.

In vista tal-premess it-Tribunal jinnota li l-atturi naqsu mill-obbligu taghhom li jipprovaw il-kaz tahhom fuq bazi ta probabbilita oltre ghall-fatt li kien l-istess Vincent Vella li kien gej minn wara l-konvenuta. Inoltre jigi osservat ukoll li Vella messu qaghad ferm aktar attent meta kien qed isuq go triq kollha bid-double parking u kien qed joqrob zona fejn kien qed jissorpassa vann double parked ma kiosk. Imkien ma jirrizulta pprovat b’mod soddisfacenti li l-incident sehh meta l-konvenuta giet biex taqla minn posizzjoni wieqfa taghha. Anzi hija tgid li l-vetturi ma ccaqilqux sakemm gew il-pulizija u wara li sar l-iskizz is-surgent ghandu l-ideja li kienu mbuttaw il-vettura tal-konvenuta sal-crash barrier – u l-incident ma deherx daqshekk gravi li l-vettura taghha ma setghetx tinstaq minnhabba d-daqqa.

Ghal dawn il-mottivi It-Tribunal jaqta u jiddeciedi dina l-kawza billi jilqa l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, jiddikjara li Vincent Vella kien unikament responsabbli ta l-incident in kwistjoni u konsegwentement ghalhekk tichad it-talbiet tal-atturi bl-ispejjes ta dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati mill-istess atturi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------